# IMKEJJEN BI ĠRAJJA FIL-BIRGU TA' L-IMGĦODDI;

# BANK IL-GĦAŻŻ

Anton Attard

Ix-xaqliba tal-Birgu magħrufa bħala "Il-Fortini', sa ftit snin ilu, kienet fost l-aktar inħawi mfitxija minn-nies ta' dawk in-naħat waqt il-ħin ħieles tagħhom. It-tfal, iż-żgħażagħ u xi kbar li jħobbu l-ballun kienu jehdew fil-grawnd maqtugħ xi ħames filati għoli mit-triq li twassal għall-Kalkara jew Ħaż-Żabbar. Oħrajn, l-aktar irġiel imdaħħlin fiż-żmien, u oħrajn mhux daqstant, kienu jintasbu bilqiegħda fuq ċint ta' żewġ filati, maqtugħ għalih, imdellel minn siġar għoljin u folti ta' **għeneb id-dib**, fuq il-lemin f'tarf in-niżla, qabel taqbad it-telgħa li twassal għall-Mina tas-Salvatur.

Dawk li ta' kuljum kienu jintasbu hemm, kemm filgħodu kif ukoll wara nofsinhar sa tard filgħaxija, erħilhom jiddiskutu, jargumentaw u jirrakkuntaw fuq kollox u, aktarx, fuq kulħadd. Billi fil-biċċa l-kbira kienu jkunu l-istess nies, aktarx bla xogħol jew qabżu s-sittin, iċ-ċint, forsi inġustament, ma damx ma tlaqqam '*Bank il-Għażż*; titlu li, ma' nies ta' ċerta eta', għadu mċappas bih sa llum.

Iżda aktar minn mitt sena ilu, l-għan li għalih inbena ċ-ċint kien differenti għal kollox u billi kif jgħidu, kull rokna fil-Birgu għandha xi storja, dan, kif se naraw, ma jagħmlilhomx għajb.

Daqs seklu u nofs ilu, dawk l-inħawi kienu differenti għal kollox minn kif huma llum. Kemm il-grawnd tal futbol, kif ukoll l-iskola Lorenzu Gafa' u magħhom it-toroq ta' madwar ma kinux hemm. Kien hemm biss wesgħa fejn fiha kien isir ix-xogħol tal-ħbula mill-ħafna kurdara li kien hemm fil-bliet tal-Kottonera. B'hekk, it-triq li twassal għall-Kalkara kienet waħda dejqa, pjuttost mogħdija, f'xifer il-wied, li għalkemm illum fadal xi ftit ħjiel tiegħu, biċċa kbira minnu ttieklet mill-bini li tela' mal-medda tas-snin.

Ġara li nhar it-Tlieta 7 ta' Settembru 1880, żewġt itfal, waqt li kienu jimbuttaw karretta fil-mogħdija msemmija, meta waslu f'xifer il-wied, it-tagħbija li kellhom fuqha għelbithom u waqgħu b'kollox għal isfel. Waqt li l-karretta saret biċċiet, wieħed minnhom ħelisha ħafif bi ftit brix u, forsi għax staħa, ħarab jiġri minn fuq il-post bla ma ħadd rah aktar. L-ieħor ittieħed l-għassa fejn il-ġrieħi li ġarrab f'rasu iddewwew mit-tabib tal-pulizija.

Il-ġurnal *The Malta Times* tas-Sibt 11 ta' l-istess xahar, waqt li xandar dan l-inċident ilmenta mill-qagħda mwiegħra ta' din il-mogħdija u ġibed l-attenzjoni għall-periklu li jkunu fih il-ħafna suldati li jterrqu f'dawk l-inħawi lejn u minn Forti Rikażli u kwartieri militari oħra tal-qrib, speċjalment wara nżul ix-xemx. Hawn ta' min iżomm quddiem għajnejh li dawn, fil-biċċa l-kbira, kienu jkunu sejrin lura wara sigħat jixorbu fil-ħwienet tal-Kottonera. Barra minn dan, il-ġurnal imsemmi issuġġerixxa li, biex tiġi evitata xi disgrazzja aktar serja, fejn seħħ dan l-inċident għandu jinbena ċint, imqar ta' żewġ jew tliet piedi għoli, li l-kittieb tar-rapport qies li ma jiswiex aktar minn ftit xelini.

Is-suġġeriment tal-ġurnal ngħata widen fi żmien qasir. Iċ-ċint inbena u kif ġa għidna, għal għadd ta' snin, kien fost l-imkejjen popolari u frekwentati tal-Birgu.

Għadu wieqaf hemm sa llum, għalkemm biż-żieda kbira ta' traffiku li issa jgħaddi minn hemm, in-nies ma baqgħetx tfittxu aktar u safa ninsi minn kulħadd. Il-ġebel immermer jixhed is-seklu u kwart li għaddew minn fuqu u, skond kif kienu jgħidu xi wħud, kieku l-ġebel kien jitkellem min jaf kemm għandu x'jgħid.

